# KULLEĠĠ SAN BENEDITTU
# Boys' Secondary, Kirkop

| Mark |
|---|
| |

## HALF-YEARLY EXAMINATION – 2012/13

**Track 1 (FP)**

**FORM 3** **RELIĠJON** **ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

| Taqsima | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | G | Marka Globali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Max. Mark | 10 | 10 | 15 | 15 | 10 | 20 | 5 | 15 | 100 |
| **Marka** | | | | | | | | | |

DO NOT WRITE ABOVE THIS LINE

**Isem:** ________________________________________ **Klassi:** ___________

**Istruzzjonijiet:**

1. **Taħdimx il-karta tal-eżami għal-rasek. Imxi mal-għalliem li ħa jiggwidak;**
2. **Ikteb pulit u li jingħaraf.**
3. **Tħażżisx fuq il-karta.**

## TAQSIMA A (10 marki)

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel [ √ ] fil-kaxxa t-tajba.**

1. Issa li qed nikbru, huwa importanti li:
   a. Nitgħallmu nsajjru aħna; ☐
   b. Nitgħallmu nagħrfu bejn it-tajjeb u l-ħażin; ☐
   ċ. Nibdew infittxu xogħol ☐

2. Il-kuxjenza nistgħu nsejjħula:
   a. Il-leħen ta' Alla f'qalbna;
   b. Żewġ anġli li jiġġieldu bejniethom;
   ċ. Dak il-leħen li jġgħalna nagħmlu dak li hu ħażin

3. Meta nagħmlu dak li tgħidilna l-kuxjenza nħossu fina sens ta:
   a. dwejjaq;
   b. Vojt;
   ċ. Ferħ u soddisfazzjon

4. Meta mmorru kontra dak li tgħidilna l-kuxjenza, nħossu fina sens ta:
   a. Ferħ u soddisfazzjon;
   b. Dwejjaq;
   ċ. Rabja

5. Meta ma nisimgħux minn dak li tgħidilna l-kuxjenza, nistgħu ngħidu li l-kuxjenza tkun
   a. Mietet;
   b. Marret vaganza;
   ċ. Raqdet

6. F'liema storja li studjajt din is-sena, Alla stess jgħidilna biex nisimgħu minn dak li jgħidilna Ġesù:
   a. It-Trasmeditazzjoni;
   b. It-Trasfigurazzjoni;
   ċ. It-Trasformazzjoni

7. Biex nagħmlu dak li jgħidilna Ġesù, irridu l-ewwelnett:
   a. Inkunu nafu x'jgħid;
   b. Noqgħodu fil-kwiet naħsbu;
   ċ. Nippruvaw ma nagħmlux dnub.

8. Biex inkun naf x'jgħid Ġesù, irrid infittex:
   a. Fil-magazines
   b. Fit-T.V.
   ċ. Fil-Bibbja

9. Wara li nkun naf x'jgħid Ġesù irrid nagħmel
   a. Il-H.W.
   b. Eżami tal-kuxjenza;
   ċ. Ħafna xogħol.

10. Meta dak li jitlob minni Ġesù nsib li hu diffiċli biex nagħmlu, irrid nitlob l-għajnuna ta' xi ħadd li jifhem:
   a. Fir-riċetti
   b. Fit-tiswija
   ċ. Fil-Kelma ta' Alla

---

**TAQSIMA B** **(10 marki)**

**Imla l-vojt bil-kliem li għandek hawn:**

| idolatrija | saħħar | ġurament | dagħa | Sataniżmu |
|---|---|---|---|---|

1. Meta nieħu ______________________ inkun qed insejjaħ 'l Alla bħala xhud ta' dak li qed ngħid.
2. Is- ______________________ huwa l-qima lejn ix-xitan, u għalhekk, l-aktar ħaġa li toffendi lil Alla.
3. Min imur għand is- ____________________ qed jonqos mill-qima lejn Alla.
4. Id- ______________________ huwa kliem ta' mibegħda, ta' żebliħ jew ta' sfida lil Alla.
5. Min iqim lil xi ħaġa jew xi ħadd aktar minn Alla , jaqa' f'dik li nsejjħula ______________________.

---

**TAQSIMA Ċ** **(15-il marka)**

**Aqra din is-silta sew u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

It-Trasfigurazzjoni



Sitt ijiem wara, Ġesù ħa miegħu lil Pietru, lil Ġakbu u lil Ġwanni, tellagħhom weħidhom fuq muntanja għolja, u tbiddel quddiemhom. Lbiesu sar abjad u jgħammex b'dija tal-għaġeb: ebda ħassiel fid-dinja ma jista' jġib il-ħwejjeġ bojod daqshekk.

U dehrilhom Elija ma' Mosè, jitkellmu ma' Ġesù. Qabad Pietru u qal lil Ġesù, "Mgħallem, kemm hu sew li aħna hawn!

Ħa ntellgħu tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè, u waħda għal Elija." Dan qalu għax ma kienx jaf x'jaqbad jgħid bil-biża' kbir li waqa' fuqhom.

Imbagħad ġiet sħaba u għattiethom, u minn ġos-sħaba nstema' leħen jgħid: "Dan hu Ibni l-għażiż, isimgħu lilu."

Minnufih taw ħarsa madwarhom, u ma raw lil ħadd iżjed magħhom ħlief lil Ġesù waħdu.

1. Lil min ħa miegħu fuq il-muntanja Ġesù? (3 marki)
   ________________, ________________ u ________________

2. Kif tbiddel ilbiesu Ġesù? (2 marki)
   ____________________________________________

3. X'daqqa waħda dehru: (2 marki)
   ________________________ u ________________________

4. Wieħed minn dawn il-persunaġġi li dehru, kien jirrappreżenta il-(letteratura, lingwa, liġi). Il-persunaġġ l-ieħor kien jirrappreżenta l-(prim ministri, presidenti, profeti). (2 marki)

5. Għalfejn Pietru qabad u qal li ried itella' tliet tined? (2 marki)

______________________________________________________

6. Ta' min kien il-leħen li nstema' minn ġo s-sħaba? (2 marki)

______________________________________________________

7. F'din l-istorja, Mosè u Elija, donnhom jaqgħu fid-dell ħdejn Ġesù. Dan ġara għax issa, ħadd ma hu importanti daqs ______________. (2 marki)

______________________________________________________

**TAQSIMA D** **(15-il marka)**

**It-tentazzjonijiet ta' Ġesù**

1. It-tentazzjonijiet jistgħu jiġu minn tliet ibnadi: (3 marki)
   a. Mill- ______________________________
   b. Mix- ______________________________
   c. Minn ġo _______________ stess!

2. Ġesù wkoll ġie ttentat minn ħabib tiegħu, u dan kien __________ . (marka)

3. Ħares sew lejn din l-istampa:



a. Fejn taħseb li qiegħed hawn Ġesù? (2 marki)

______________________________________________

b. Kemm kien ilu fid-deżert Ġesù meta ttentah ix-xitan? (marka)

______________________________________________

c. X'mar jagħmel Ġesù fid-deżert? (2 marki)

______________________________________________

d. Kemm-il tentazzjoni għamillu x-xitan? ____________ (marka)

e. Għażel waħda minn dawn l-istampi u għid x'kienet it-tentazzjoni:







X'kienet it-tentazzjoni? (4 marki)

______________________________________________

______________________________________________

f. Ġesù ċeda għal dawn it-tentazzjonijiet? _______ (marka)

## TAQSIMA E (10 marki)

**Imla l-vojt b'waħda mill-kelmiet li ġejjin:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ħadd | divertiment | idolatrija | Sidek | flus |
| allat | għażliet | għajri | Pagani | Alla |

L-ewwel ħaġa li Alla jitlob minna fl-__________________ li rridu nagħmlu hija li ma jkollniex _______________ oħra ħliefu. Fl-ewwel kmandament, li huwa "Jiena hu Alla _______________ , ma jkollokx Alla ieħor _______________", Alla jgħidilna biex ma nagħmlu lil_________________ u lil xejn bħala _______________ ħlief lilu. Jiżbaljaw dawk li qabel Alla, jpoġġu fl-ewwel post il-_______________ jew id-_______________ . Min jagħti qima lil dawn jaqa' f'dik li nsejħulha _________________. Meta ma npoġġux lil Alla fl-ewwel post f'ħajjitna, ma nkunux vera nsara, iżda nkunu _______________ .

---

**TAQSIMA F** **(20 marka)**

**Imla din it-tisliba**




Mindudin:

1. Ġesù jgħidilna biex wara li nħobbu lilu, nħobbu lil P _ _ _ _ _ _ .
2. San M _ _ _ _ _ kien qasam il-mantar tiegħu ma' wieħed fqir.
3. Madre Tereża kienet tgħin lil kulħadd għax fihom kienet tara lil Ġ _ _ _.
4. Fit-talba tal-Paċi, nsibu l-vers: "Fejn hemm id- D _ _ _ _ ...
5. ...Ħallini ndaħħal il- F _ _ _ .

Weqfin:

6. Għandna nirrispettaw lil xulxin għax għandna l-istess D _ _ _ _ _ _ _ _;
7. Għandna nirrispettaw lil xulxin ukoll għax aħna lkoll U _ _ _ Alla...
8. U la aħna uliedu, mela bejnietna, aħna kollha A _ _ _ .
5. It-Talba tal-Paċi kitibha San F _ _ _ _ _ _ _ .
9. Ġesù ħallilna l-akbar kmandament, li huwa biex I _ _ _ _ _ _ lil xulxin.

---

**TAQSIMA Ġ** **(5 marki)**

**Ara x'qegħdin juru dawn l-istampi u wieġeb:**

1 

a. Min hi s-soru li hawn fl-istampa u li kienet tgħix fl-Indja? (2 marki)

_________________________________

b. X'kienet tagħmel f'ħajjitha? (3 marki)

_________________________________

_________________________________

---

**TAQSIMA G** **(15-il marka)**

F'din il-parti, l-għalliema ħa titolbok titlaq xogħolok biex tagħmillek intervista dwar xi suġġett li tkun studjajt matul is-sena. Is-suġġett tista' tagħżlu inti stess.

---